# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
DR JOHN BONELLO, B.A., LL.M.(IMLI), LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 16 ta' Novembru, 2015**

Talba Nru: 135/2015JB

Numru 12

**Newco Steel Limited (C11310)**

***vs***

**Andre Escave Co. Limited**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar l-20 ta' Frar 2015 li permezz tieghu, is-Socjeta Attrici talbet li s-Socjeta Konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' elf tmien mija u wiehed u tmenin euro u tletin centezmu (€1,881.30) rapprezentanti ammont bilancjali dovut fuq materjal mibjugh u supplit. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali.

Ra li l-kawza giet appuntata ghas-smiegh ghas-seduta tas-16 ta' Marzu 2015;

Ra li s-Socjeta Konvenuta, debitament notifikata, ipprezentat risposta nhar l-24 ta' Marzu 2015 li permezz taghha eccepiet li t-talba rikorrenti hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi respinta bl-ispejjez ghas-segwenti ragunijiet:

(i) Illi ma hu dovut l-ebda ammont mis-Socjeta Konvenuta lis-Socjeta Attrici;
(ii) Illi fi kwalunkwe kaz, kull ammont bilancjali dovut kien gie saldat bi tpartit ta' merkanzija fl-2011;
(iii) Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, kull ammont allegatament dovut huwa preskritt, stante li se mai jikkonsisti biss f'imghax;
(iv) Illi wkoll minghajr pregudizzju ghall-premess, l-imghax reklamat jeccedi l-ammont permissibbli mil-ligi;

Ra li fis-seduta tal-10 ta' Novembru 2015, l-Avukat patrocinanti s-Socjeta Konvenuta ippreciza t-tielet eccezzjoni billi qal li l-artikolu invokat ghall-ghanijiet ta' preskrizzjoni huwa l-Art. 2156(f) tal-Kap. 12;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha;

Sama' x-xhud prodott mis-Socjeta Attrici;

Sama' t-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet;

Ra li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidra;

Illi l-kawza odjerna hija talba ghall-hlas ta' somma allegatament dovuta mis-Socjeta Konvenuta lis-Socjeta Attrici dwar negozju ta' bejgh ta' hadid, ghal-liema talba s-Socjeta Konvenuta wiegbet billi ressqet erba' eccezzjonijiet li jimmeritaw li jigu trattati separatament;

Illi in sostenn tat-talba taghha, is-Socjeta Attrici ressqet xhud wiehed u cjoe lil Richard Attard li xehed in ezami fis-seduta tat-12 ta' Ottubru 2015 u in kontro-ezami fis-seduta tal-10 ta' Novembru 2015;

Meta xehed in ezami, Attard stqarr li huwa Direttur tas-Socjeta' Attrici. Qal li n-negozju ta' din il-kumpanija jikkonsisti fil-bejgh ta' hadid u xibka ghall-industrija tal-kostruzzjoni. Jghid li s-Socjeta' Konvenuta kienet tinnegozja mal-Attrici regolarment. F'mument minnhom madwar l-2010 jew l-2009, is-Socjeta Konvenuta waqfet tixtri minghandha u baqa' bilanc pendenti. B'ittra datata 3 ta' Jannar 2010 (a fol 15) il-Konvenuta giet mgharrfa li kemm il-darba mhux se jsir il-hlas kienu se jibdew jiddekorru l-interessi bit-tmienja fil-mija. Wara li nbghatet din l-ittra kien mar rapprezentant tas-Socjeta' Konvenuta li jismu Andre li offra tpartit u kien se jaghti hadid milli juza huwa. Da parti tieghu, Attard jghid li ghad li ma kellux bzonn aktar hadid, accetta bl-iskop li jaqta'. Jghid li bil-*bundle* hadid li kien se jaghti r-rapprezentant tas-Socjeta Konvenuta kien se jaqta' parti mill-ammont. Jghid li dak il-*bundle* hadid kien jiswa madwar elf u hames mitt euro (€1,500). Jghid li l-uzin kien hadu Andre stess u hu qaghad fuq l-uzin tieghu. Il-prezz ta' €1,500 wasal ghalih a bazi ta' l-uzin. Attard ipprezenta wkoll prospett (a fol 16) minn fejn jirrizulta li fl-1 ta' Mejju 2011 sar il-kreditu ta' €1,500 li jirraprezenta l-valur tal-*bundle* hadid li kien tah Andre imbaghad hemm ukoll riferenza ghal pagament ta' disa' mija u sebgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€967.69) li kien sehh fil-11 ta' Settembru 2012. Jikkonferma li l-ahhar partita jigifieri dik ta' €967.69 kienet pagament u mhux tpartit. It-tpartit huwa rifless biss fil-partita tal-€1,500. Jghid li wara li saru dawn it-transazzjonijiet jifdal bilanc ta' €1,881.30. Jghid illi meta rcieva dawn l-ammonti, huwa kien waqqaf l-imghaxijiet. Ikkonferma li l-ammont reklamat ta' €1,881.30 mhux kollu imghax. Jghid li meta kien sar diskors bejnu u bejn Andre dwar it-tpartit originarjament l-intendiment kien li dan kien ser igib zewg *bundles* hadid imma spicca gab wiehed biss, u allura certament li ma setax jaccetta dan il-hadid ghas-saldu, u jghid li tant m'accejtahx ghas-saldu li sussegwentement u cjoe sena u erba' xhur wara, is-Socjeta Konvenuta kienet ghamlet pagament iehor. Huwa obbliga ruhu li jipprezenta prospett dettaljat biex jispjega kif wasal ghall-*opening balance* ta' erbat elef tliet mija u tmienja u erbghin euro u disgha u disghin centezmu (€4,348.99) u kellu jispjega wkoll kemm minn dan l-ammont jirraprezenta prezz ta' materjal supplit u kemm jirraprezenta imghaxijiet.

Illi fil-mori tad-differiment, Attard ipprezenta *transaction history* ghall-perjodu bejn Jannar 2010 u Settembru 2012 u ghadd ta' kopji ta' fatturi li ghalihom hemm riferenza fl-istess *transaction history* (a fol 20 sa 41);

Illi meta xehed in kontro-ezami, Attard, b'riferenza ghax-xhieda tieghu fejn qal li s-Socjeta' Konvenuta kienet tiehu minghand il-kumpannija tieghu xoghol b'mod regolari, mistoqsi jghid jekk fil-verita' t-transazzjonijiet kienux ftit jew inkella kienx hemm xi relazzjoni fuq medda ta' snin, qal li kien hemm relazzjoni fuq medda ta' zmien. Mistoqsi dwar meta intemm in-negozju mas-Socjeta Konvenuta, hu jghid li s-Socjeta' Konvenuta bdiet tiehu x-xoghol minghandu fis-sena 2000 imbaghad kien hemm relazzjoni li damet numru ta' snin. Skond l-invoices dan in-negozju dam sal-2010. Rinfaccjat bil-fatturi a fol 21 sa 41 tal-process liema *invoices* huma kollha datati sena 2000, jghid li madwar l-2010 waqqaf l-interessi ghax Andre gablu l-*bundle* hadid li ghamel riferenza ghalih. Huwa cahad li kwalunkwe bilanc li hemm huwa biss imghax u imghax fuq imghax u jghid li ghandu jiehu parti prezz ta' materjal u parti imghax. Mistoqsi jekk jaqbilx li l-ahhar materjal li gie supplit kienx fis-sena 2000 jghid li dan ghandu jirrizulta mill-*invoices* esebiti. Mistoqsi jekk jiftakarx li meta mar ikellmu Andre Briffa u offrielu *bundle* hadid dan qallu: "*jiena ma nhossx li ghandi ntik imma peress li int qed tghid li ghandi ntik ser intik zewg bundles hadid u naghlqu l-kwistjoni hawnhekk darba ghal dejjem*", ix-xhud ikkonferma li dan kien id-diskors li sar izda minkejja dan l-intendiment Briffa spicca ha *bundle* wiehed hadid. Mistoqsi jekk dan il-*bundle* hadid kienx inghata ghas-saldu jghid li ma kienx il-kaz. Ix-xhud jghid ukoll li ma sar xejn bil-miktub fil-waqt li jispjega li l-prezz ta' elf hames mija u dsatax-il euro u hamsa u erbghin centezmu (€1,519.45) a fol 20 tal-process huwa l-prezz tal-bundle hadid li kien ircieva minghand is-Socjeta' Konvenuta;

In ri-ezami Attard ikkonferma li meta Andre Briffa ha l-ewwel *bundle* hadid, gibidlu l-attenzjoni ghall-fatt li kien ghad fadal bilanc u Briffa kien qallu li se jiehu *bundle* iehor. Sussegwentement ix-xhud jghid li rcieva ittra minghand is-Socjeta' Konvenuta tramite l-avukat taghha fejn gie mgharraf li mhemmx djun. Ix-xhud ikkonferma li kienu jintbaghtu *statements* kull xahar. Mistoqsi jekk bejn l-2010 u l-2012 kienx hemm komunikazzjonijiet bejn il-kontendenti jghid li kien jigri wara r-rapprezentant tas-Socjeta' Konvenuta. Meta gie muri dokument li huwa fattura bin-numru 7583 datat 30 ta' Ottubru 2010 (a fol 48), ix-xhud ikkonferma li din hija *invoice* ghall-imghax ta' wiehed u ghoxrin euro u hamsa u disghin centezmu (€21.95). B'riferenza ghal dan id-dokument qal li din l-invoice tissemma ukoll fil-prospett li gie prezentajt a fol 20 u l-valuta ghad li hemm imnizzel LM fil-verita' ghandha taqra' euro (€);

Illi min-naha taghha, is-Socjeta Konvenuta ma ressqet ebda prova ghajr ghad-dokument a fol 48;

Ikkunsidra;

Illi t-Tribunal se jghaddi qabel xejn sabiex iqis l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mis-Socjeta Konvenuta u cjoe dik tal-preskrizzjoni ta' hames snin skond l-Art. 2156(f) tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligjiet ta' Malta) liema disposizzjoni tkopri l-azzjonijiet ghall-hlas ta' kull kreditu mhux inkluz fil-paragrafi l-ohra tal-istess dispozizzjoni li gej minn operazzjonijiet kummercjali jew minn hwejjeg ohra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa' (skond l-istess Kodici Civili, jew xi ligijiet ohra) taht preskrizzjonijiet aqsar jew ma jkunx jirrizulta minn att pubbliku;

Illi t-Tribunal huwa kemmxejn perpless minhabba l-fatt li fil-waqt li l-eccezzjoni li giet eccepita tirrigwarda operazzjonijiet kummercjali, jidher li din qed tigi limitata biss ghall-imghax billi jinghad – fi tmiem l-eccezzjoni – "*stante li se mai jikkonsisti biss f'imghax*".

B'kull rispett, l-imghax huwa accessorju tad-debitu u kwindi l-preskrizzjoni trid tolqot l-ammont pretiz u mhux l-imghaxijiet;

Illi ma tressqu ebda provi da parti tas-Socjeta Konvenuta in sostenn ta' din l-eccezzjoni u kwindi t-Tribunal irid joqghod fuq dak li jirrizulta mill-atti;

Illi mix-xhieda ta' Raymond Attard irrizulta car li kien hemm skambji u trattativi bejn il-partijiet anqas minn hames snin qabel ma saret il-kawza odjerna sal-punt li s-Socjeta Konvenuta ghamlet sija tpartit kif ukoll pagament. Certament li dan jinterrompi kwalsiasi terminu preskrittiv;

Illi jsegwi ghalhekk li tali eccezzjoni ma tregix u kwindi se tigi respinta;

Ikkunsidra;

Illi dwar l-eccezzjoni tat-transazzjoni u cjoe li kull ammont bilancjali dovut kien gie saldat bi tpartit ta' merkanzija fl-2011, irid jinghad li mhemm l-ebda prova ta' transazzjoni u dan minkejja li skond id-dispozizzjonijiet tal-Art. 1233(1)(d) tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta) kull transazzjoni (*compromise*) trid issir bil-miktub;

Illi kif gja nghad fir-riassunt tax-xhieda ta' Richard Attard, meta gie mistoqsi jekk jiftakarx li meta mar ikellmu Andre Briffa u offrielu *bundle* hadid dan qallu: "*jiena ma nhossx li ghandi ntik imma peress li int qed tghid li ghandi ntik ser intik zewg bundles hadid u naghlqu l-kwistjoni hawnhekk darba ghal dejjem*", ix-xhud ikkonferma li dan kien id-diskors li sar izda minkejja dan l-intendiment Briffa spicca ha *bundle* wiehed hadid. Mistoqsi jekk dan il-*bundle* hadid kienx inghata ghas-saldu jghid li ma kienx il-kaz. Ix-xhud jghid ukoll li ma sar xejn bil-miktub fil-waqt li jispjega li l-prezz ta' elf hames mija u dsatax-il euro u hamsa u erbghin centezmu (€1,519.45) a fol 20 tal-process huwa l-prezz tal-*bundle* hadid li kien ircieva minghand is-Socjeta' Konvenuta;

Illi hawnhekk ikun utli li wiehed iqis ftit sija t-*transaction history* a fol 20 kif ukoll l-istatement a fol 16. F'tal-ewwel jinghad li fil-11 ta' Settembru 2012, is-Socjeta Konvenuta tat il-*bundle* hadid lis-Socjeta Attrici li gie valutat fis-somma ta' €1,519.45. Dan ikkonfermah ix-xhud Attard. Madankollu fl-istatement jidher li f'dik id-data sar pagament ta' €967.69 fil-waqt li hemm entrata separata ghal €1,500 f'Mejju tas-sena ta' qabel. It-Tribunal ghalhekk irid iqis dak li nghad mix-xhud meta xehed fis-seduta tat-12 ta' Ottubru 2015. Fil-fatt, dak in-nhar huwa pprezenta il-prospett (li issa jinsab a fol 16) u spjega li fl-1 ta' Mejju 2011 sar il-kreditu ta' €1,500 li jirraprezenta l-valur tal-*bundle* hadid li kien ircieva minghand is-Socjeta Konvenuta u ghamel riferenza wkoll ghall-pagament ta' €967.69 li kien sehh fil-11 ta' Settembru 2012. Huwa kkonferma li l-ahhar partita jigifieri dik ta' €967.69 kienet pagament u mhux tpartit. Ikkonferma li t-tpartit huwa rifless biss fil-partita tal-€1,500. Qal li wara li saru dawn it-transazzjonijiet jifdal bilanc ta' €1,881.30;

Illi imbaghad il-verzjoni tbiddlet xi ftit meta xehed in kontro-ezami u kkonferma li Briffa offrielu zewg *bundles* hadid biex jaghlaq il-kwistjoni darba ghal dejjem. Mhuwiex kontestat li fil-verita dan Andre ha biss *bundle* wiehed hadid izda jidher ukoll li sar pagament ta' €967.69;

Illi ghat-Tribunal, gjaladarba jirrizulta li sar diskors bejn ir-rapprezentanti tas-socjetajiet kontendenti li kellhom jinghataw zewg *bundles* hadid ghas-saldu izda imbaghad inghata

*bundle* hadid wiehed fil-waqt li fi zmien iehor sar ukoll xi pagament, ma jistax jinghad li bejn il-kontendenti saret xi transazzjoni u kwindi ghalhekk tenut kont ta' dan, it-Tribunal se jghaddi sabiex jichad anke l-eccezzjoni tat-transazzjoni;

Ikkunsidra;

Illi s-Socjeta Konvenuta eccepiet ukoll li l-imghax reklamat jeccedi l-ammont permissibbli mil-ligi. Meta xehed Richard Attard dan stqarr li kif jirrizulta mill-ittra a fol 15 tal-process, l-imghax kellu jkun ta' tmienja fil-mija (8%);

Illi t-Tribunal iqis li l-kaz odjern jitratta obbligazzjonijiet kummercjali u kwindi ghandu japplika l-Art. 26A tal-Kodici tal-Kummerc (Kap. 13 tal-Ligijiet ta' Malta) li jipprovdi ghal imghax ghallinqas ta' 8%, liema imghax jista' jissupera, f'certi limiti u cirkostanzi, tali cifra;

Illi ma ngiebet ebda prova ohra dwar il-komputazzjoni tal-imghax u kwindi l-eccezzjoni dwar l-imghax ma tirrizultax ippruvata u se tigi michuda;

Ikkunsidra;

Illi s-Socjeta Konvenuta eccepiet ukoll li l-ebda ammont mhu dovut;

Illi t-Tribunal ezamina bir-reqqa d-dokumenti li ghandu quddiemu, qies il-fatt li s-Socjeta Attrici naqset milli tipprezenta dak li x-xhud Richard Attard ipprometta li se jipprezenta l-ewwel darba li deher quddiem it-Tribunal sabiex jixhed u ghad li giet prezentata *transaction history*, din bl-ebda mod ma tikkorrabora dak li jidher fil-prospett;

Illi t-Tribunal iqis, b'riferenza ghal dak li gie verbalizzat li l-entrata tal-15 ta' Settembru 2000 immarkata bil-code "p" fit-*transaction history* a fol 20 hija *part-payment*, li mill-entrata ta' €1,223.26 thallset is-somma ta' €89.07;

Illi t-Tribunal qies l-ammonti li jidhru fit-*transaction history* u biex jasal ghal konkluzjoni ta' din il-vertenza skarta l-entrata dwar il-*bundle* hadid tal-11 ta' Settembru 2012 (stante li din ma taqbilx mal-prospett a fol 15) biex b'hekk kien hemm total ta' entrati ta' tlitt elef erba' mija u hamsa u sebghin centezmu (€3,400.75). Minn din is-somma iridu jitnaqqsu l-pagamenti u tpartit li jirrizultaw mill-prospett a fol 15 ta' €1,500 u ta' €967.69 biex b'hekk jibqa' bilanc ta' disa' mija u tlieta u tletin euro u sitt centezmi (€933.06) u mil-liema somma imbghad jitnaqqas il-*part payment* suindikat ta' €89.07, biex b'hekk jibqa' bilanc ta' tmien mija u tlieta u erbghin euro u disgha u disghin centezmu (€843.99) liema ammont jidher li hu l-ammont bilancjali;

Illi t-Tribunal iqis li dawn il-kalkoli kellhom isiru mis-Socjeta Attrici kif *del resto* ipprometta li jaghmel Attard meta xehed u din uriet kontumelja assoluta meta ipprezentat *transaction history* li biex tinftiehem tehtieg hafna hsieb u hela ta' hin.

Illi madankollu, it-Tribunal iqis li jidher li hemm ammont izghar minn dak pretiz li hu dovut u kwindi se jghaddi sabiex jikkundanna lis-Socjeta Konvenuta sabiex thallas tali ammont;

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi l-kawza billi fil-waqt li jichad l-eccezzjonijiet tas-Socjeta Konvenuta in kwantu mhux kompatibbli ma' dak li se jigi ordnat, jilqa' t-talba attrici in parte u jikkundanna lis-Socjeta Konvenuta thallas is-somma ta' tmien

mija u tlieta u erbghin euro u disgha u disghin centezmu (€843.99), bl-imghax skond il-ligi. Fic-cirkostanzi tal-kaz, kull parti tbati l-ispejjez taghha.

Dr John Bonello
*Ġudikatur*

Mary Josette Musu'
*Deputat Reġistratur*